**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 112/00***

***Pulizija***
***Spettur Sandro Gatt***
***vs***
***Emanuel Barbara II***

Illum 03 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reat ta' **Pussess illegali semplici tad-droga eroina u Recedivita**.

Illi l-imputat ammetta l-akkuza dedotta kontra tieghu, u ghaldaqstant din tinsab sodisfacentement provata skond il-ligi.

In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ir-rapport favorevoli ta' l-ufficcjal tal-probation kif ukoll id-dikjarazzjoni ta' l-Ispettur Sandro Gatt li l-imputat ta informazzjoni lill-pulizija li ghinithom b'mod effettiv fl-investigazzjonijiet taghhom dwar id-droga: u ghalhekk jidhrilha li f' dan il-kaz ghandha tpoggi lill-imputat taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal-probation ghal perijodu adegwat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tar-reat ir-regolament 8 tal-GN 292/39 u l-artikli 49 u 50 Kapitolu 9; izda minflok imposizjoni ta'

piena qed tpoggi lill-istess imputat taht ***is-sorveljanza ta' l-ufficjal tal-probation Marietta Lanzon ghal zmien sentejn*** bl-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-kunidzzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma' dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali ta' l-istess a tenur ta' l-Art. 5 tal-Kapitlu 152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat u l-import ta' l-imsemmi provvediment.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***